MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 65/2005

**Qorti Civili**

**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion LL.D.**

**Illum, 13 ta' Marzu 2014**

Citazzjoni Nru. 65/2005 RGM

Kawza fil-lista: 29

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tal-attur tat-12 ta' Frar 2014 fejn talab li l-kawza odjerna tigi konvertita minn wahda ta' separazzjoni personali ghal wahda ta' divorzju.

Rat il-kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet ippubblikat min-Nutar Dottor Dorianne Arapa fil-15 ta' Novembru 2013.

Rat li l-konvenuta mhiex qed topponi ghal din it-talba.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq din it-talba.

Ikkonsidrat,

L-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"(1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti.

Il-Qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-Qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.

(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma' kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju."

Ghaldaqstant tilqa' t-talba u tordna li l-kawza fl-ismijijiet premessi ghandha titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez bla taxxa.

**Imhallef**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------